MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tal-11 ta' April, 2014

Talba Numru. 548/2013

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs.**

**Todorova Mariya Teliyska K.I. 63586(A)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-18 ta' Settembru 2013, fejn intqal illi

> Illi l-konvenuta għandha tagħti lis-Soċjeta` Attriċi s-somma ta' disa' mija u tlieta u ħamsin ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€953.82c) – in konnessjoni ma' 99580338 (AC40178334), liema servizzi ġew ikkuntrattati permezz ta' kuntratt datat 20 ta' Ġunju 2011.
>
> Illi s-somma fuq imsemmija tinkludi l-ammont ta' mitejn disgħa u erbgħin ewro (€249) dovuti bħala penali għat-terminazzjoni antiċipata tal-kuntratt;

Illi nterpellata diversi drabi sabiex tgħaddi għall-ħlas, il-konvenuta baqgħet inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża kontra l-konvenuta li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni.

Bl-ispejjeż u drittijiet, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali 571/13, u bl-imgħax mit-12 ta' Marzu 2013 data tal-imsemmija ittra uffiċjali.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' disa' mija u tlieta u ħamsin ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€953.82c), bl-imgħax legali dekorribbli mit-12 ta' Marzu 2013, data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi, numerata 571/2013, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali ċċitata huma a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------